MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 12/2013

**Bank of Valletta Plc**

**Vs**

**Almare Gozo Limited**
**Domenico Savio u Theresa konjugi Spiteri**
**Xofa Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat mis-socjeta' bankarja li jaqra hekk:

1. Illi l-bank attur kien ta' diversi somom ta' flus b'self lill-kumpanija Almare Gozo Limited filwaqt illi l-konvenuti l-ohra huma garanti ta' dan is-self flimkien u solidalment bejniethom u mad-debitrici principali. Illi dan is-self sar wara kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Nicholas Vella tat-tnax

(12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (2005). Illi f'dak l-att Xofa Limited qaghdet ukoll garanti ta' dak id-dejn u permezz ta' dokument iffirmat fit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) Domenico Savio u Theresa konjugi Spiteri.

2. Illi wara dak il-kuntratt, infethu zewg kontijiet ta' self bin-numri 40014768084 u 400144747144.

3. Illi l-bilanci f'dawn il-kontijiet sad-data tal-hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013), bl-interessi semplici nkluzi jammontaw ghal ghaxart elef tliet mija u disgha u tletin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€10,399.23) u sitta u erbghin elf tliet mija u tlieta u tletin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€46,333.81) rispettivament ghal total ta' sitta u hamsin elf sitt mija u tlieta u sebghin Ewro u erba' centezmi (€56,673.04).

4. Illi huma dovuti wkoll interessi ulterjuri mill-hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) sad-data tal-pagament effettiv.

5. Illi minkejja diversi weghdi ta' pagament, il-konvenuti dejjem baqghu nadempjenti.

6. Illi l-bank attur jidhirlu li dan id-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jaghtu kontra din it-talba u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti tista' tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artiklu 167 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap Tnax tal-Ligijiet ta' Malta).

7. Illi dan ir-rikors u l-kontenut tieghu qed jigu kkonfermati bil-gurament minn Jack Theuma (68354G), manager u rapprezenatant tal-bank attur li ghandu konoxxenza proprja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici ghar-ragunijiet fuq premessi talbet lil din il-Qorti:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh, ai termini ta’ l-artiklu 167 tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap Tnax tal-Ligijiet ta’ Malta), stante illi d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma’ ghandu l-ebda eccezzjonijiet x’jaghti kontra din it-talba.

2. Tiddikjara illi l-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom jinsabu debituri fil-konfront tal-bank attur fis-somma ta’ sitta u hamsin elf sitt mija u tlieta u sebghin Ewro u erba’ centezmi (€56,673.04) flimkien ma’ interessi ulterjuri mill-hdax (11) ta’ Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013).

3. Tikkundanna lill-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom sabiex, b’effett immedjat, ihallsu lill-bank attur din is-somma ta’ sitta u hamsin elf sitt mija u tlieta u sebghin Ewro u erba’ centezmi (€56,673.04) flimkien ma’ interessi ulterjuri mill-hdax (11) ta’ Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali ta’ Novembru 2011 u ta’ l-ittra interpellatorja tat-13 ta’ Novembru 2008, u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tallum.

Rat li fis-seduta tallum il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenuti sabiex iressqu eccezzjonijiet taghhom stante li *prima facie* ma ppruvawx li ghandhom eccezzjonijiet validi x’jaghtu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Illi mill-istess atti jirrizulta l-bank attur ta’ b’self diversi ammonti lis-socjeta’ konvenuta Almare Gozo Limited u dan wara li kien sar kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella. Minn dan l-att jirrizulta wkoll li s-socjeta’ konvenuta l-ohra Xofa Limited qaghdet ukoll garanti flimkien u solidalment maghha ta’ dan id-dejn fuq l-istess kuntratt.

Illi mill-istess atti jirrizulta wkoll li l-konjugi Spiteri iffirmaw ukoll dokument li permezz tieghu qaghdu wkoll garanti ghal dan id-dejn. Biss pero' skont klawsola numru 4 ta' l-istess dokument[1] huma dahlu garanti ghas-somma ta' dsatax-il elf lira Maltin ossija fl-ammont ta' €44,258 oltre' l-interessi fuq din is-somma li ghandhom jiddekorru minn mindu tkun saret it-talba ghall-hlas[2]. F'dan il-kaz jirrizulta li l-*call in* saret fl-4 ta' Dicembru 2007.

Jinghad ukoll li l-fatt li t-talba tas-socjeta' attrici mhiex se tintlaqa' kompletament, m'ghandix twassal biex din il-kawza ma tinstemax bil-procedura sommarja kontemplata fl-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12. Fin-nuqqas ikun qieghed biss jinghata lok biex isiru iktar spejjez u l-kwistjonijiet bejn il-kontendenti jibqghu jitwalu bla bzonn.

Ghaldaqstant din il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici bil-mod kif gej u ghalhekk:

1. Tilqa' l-ewwel talba sabiex il-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smiegh.

2. Tiddikjara illi l-konvenuti Almare Gozo Limited u Xofa Limited flimkien u solidalment bejniethom jinsabu debituri fil-konfront tal-bank attur fis-somma ta' sitta u hamsin elf sitt mija u tlieta u sebghin Ewro u erba' centezmi (€56,673.04) flimkien ma' interessi ulterjuri mill-hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) sad-data tal-pagament effettiv. Filwaqt illi tiddikjara li l-konvenuti konjugi Domenico Savio u Theresa konjugi Spiteri huma debituri flimkien u solidalment mas-socjetajiet konvenuti fil-konfront tal-bank attur fis-somma ta' erbgha u erbghin elf mitejn u tmienja u hamsin Euro (€44,258) oltre' l-interessi fuq din is-somma li ghandhom jiddekorru mill-4 ta' Dicembru 2007[3] sad-data tal-pagament effettiv.

3. Tikkundanna lill-konvenuti Almare Gozo Limited u Xofa Limited flimkien u solidalment bejniethom sabiex b'effett immedjat ihallsu lill-bank attur is-somma ta' sitta u hamsin

---

[1] A fol 19 tal-process
[2] Ara klawsola 2(e) a fol 19 tal-process
[3] Ir-rata ta' imghax hija dik kif indikata fid-dokumenti ezebiti mill-bank attur.

elf sitt mija u tlieta u sebghin Ewro u erba' centezmi (€56,673.04) flimkien ma' interessi ulterjuri mill-hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) sad-data tal-pagament effettiv. Filwaqt illi tikkundanna lill-konvenuti konjugi Domenico Savio u Theresa konjugi Spiteri flimkien u solidalment mas-socjetajiet konvenuti jhallsu b'effett immedjat lill-bank attur is-somma ta' erbgha u erbghin elf mitejn u tmienja u hamsin Euro (€44,258) oltre' l-interessi fuq din is-somma li ghandhom jiddekorru mill-4 ta' Dicembru 2007[4] sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' Novembru 2011 u ta' l-ittra interpellatorja tat-13 ta' Novembru 2008 a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Ir-rata ta' imghax hija dik kif indikata fid-dokumenti ezebiti mill-bank attur.